MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 21/2012

**ALOYSIA FAVA**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tal-15 ta’ Ottubru 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru:-*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali datata 29 ta’ Marzu 2010.*

*Ra l-ittra ta' l-appell.*

*Ra r-risposta tad-Direttur datata 17 ta' Frar 2011 flimkien mad-*dokumenti *kollha li gew esebiti.*

*Ra r-raport mahluf tal-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.*

*Sema' x-xhieda kollha.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew prodotti.*

*Ra r-risposta ulterjuri tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 3 ta' Ottubru 2012.*

*Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fid-29 ta' Marzu 2010, id-*Direttur tas-*Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Supplimentari peress illi ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u/jew li kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha.*

*Peress illi mill-provi migbura jirrizulta car li fil-perjodu in kwistjoni l-appellanti ma kenitx qed tabita fl-indirizz moghti minnha, d-decizjoni tad-Direttur hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.*

*Ghal dawn il-mottivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata*".

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, il-beneficjarja Aloysia Fava ressqet is-segwenti aggravvji fejn ilmentat illi:

- Id-decizjoni appellata ma hijiex sufficjentement immotivata bil-konsegwenza illi ghandha titqies nulla u bla effett. Dana ghaliex hija nieqsa mir-ragunijiet fattwali jew guridici mehtiega sabiex l-appellanti tkun sodisfatta dwar il-korettezza ta'l-istess decizjoni.
- L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi li kellu quddiemu u ghalhekk ma kellux jasal ghal konkluzjoni li l-esponenti ma kenitx tabita fl-indirizz moghti minnha u li ghalhekk ma ghadhiex tifforma familja ghal rasha.

Illi l-ewwel ilment imressaq mill-appellanti jirrigwarda in-nuqqas ta' osservanza ta' dak rikjest fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma tispjegax b'mod car il-motivazzjoni li tiggustifika id-decizjoni ta'l-Arbitru.

Mill-esposizzjoni tal-fatti jirrizulta illi l-appellanti kienet recipjenti ta'l-Ghajnuna Supplimentari. B'ittra datata 29 ta' Marzu 2010, id-Direttur baghat javzaha li ma kenitx iktar intitolata ghal dan il-beneficcju ghaliex, fil-fehma tieghu, l-appellanti ma kenitx ghadha qieghda tifforma familja ghal rasha u/jew ma kenitx ghadha qed tabita fl-indirizz moghti minnha. Fl-14 ta' April 2010, l-appellanti ressqet l-ilment taghha quddiem l-Umpire billi sahhqet illi dak asserit mid-Direttur ma kienx minnu. Hija sahhqet illi kienet ghadha tghix fl-indirizz moghti minnha fil-Fgura u li binha Emanuel Fava kien ighix gewwa Bugibba. Affermat illi hija tkun ta' spiss ghand binha sabiex taghtih l-assistenza taghha billi huwa ghandu problem ta' mard kif ukoll problemi legali. Illi mill-atti jirrizulta illi l-Arbitru analizza il-provi li kellu quddiemu u cioe' dawk imressaq miz-zewg partijiet sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu u cioe' jekk setax ikun stabbilit mill-istess jekk l-appellanti kenitx ghadha tghix fl-indirizz moghti minnha o meno sabiex tibqa' intitolata tircevi il-beneficcji socjali.

Illi id-decizjoni, izda, tghasar il-mertu ta'l-appell imressaq quddiem l-Arbitru f'paragrafu wiehed fejn jinghad hekk:

"***Peress illi mill-provi migbura jirrizulta car li fil-perijodu in kwistjoni l-appellanti ma kenitx qed tabita fl-indirizz moghti minnha, d-decizjoni tad-Direttur hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.***"

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ippronunzjat ruhha b'mod kopjuz ghar-rigward ta' dan il-gravam billi jigi spiss ilmentat illi id-decizjonijiet moghtija mit-tribunali bhal ma' hu dak in dizmina ma ikunux sufficjentement immotivati u ma jaghtux ir-raguni li wassal lil gudikant ghad-decizjoni tieghu.
Illi fis-sentenza **Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali** (App.Inf. 06/10/201) gie deciz in materia:

"*... ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet* ***"Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation",*** *Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "***Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri***", 28 ta' Mejju, 2010;*

*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll* **il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz.** *"Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("***Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud***", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud. Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu;*

*Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet "***Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali***", 9 ta' Jannar, 2009 u "***Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali***", 30 ta' Jannar, 2009;*

*Dan kollu qieghed jigi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-decizjoni appellata de quo, wiehed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem taghhom, l-elementi ta' prova ta' naha u ta' ohra qabel ma finalment iqieghed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-ratio decidendi.*"

Illi din il-Qorti tikkondividi bi shih dan l-insenjament gudizzjarju. Illi ma hemmx dubbju illi kien mistenni illi fid-decizjoni tieghu, l-Arbitru anke jekk permezz ta' riljev qasir jaghti ir-raguni 'il ghala, fil-fehma tieghu, l-appellanti ma kellhiex aktar titiqes illi hija qed tabita fl-indirizz moghti minnha lid-Dipartiment fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali. Fuq kollox dan kien il-kwezit li gie rimess ghal gudizzju ta'l-Arbitru, u li jinghad fid-decizjoni b'mod skematiku u xott, illi il-provi iwasslu ghal din il-konkluzjoni minghajr ma jindika almenu fil-qasir il-motivazzjoni li wasslitu ghal tali konkluzjoni twassal ghal nuqqas ta' osservanza ta' dak dispost fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12. Illi dan huwa mehtieg sabiex kwalunkwe gudizzju ikun trasparenti u sabiex il-parti sokkombenti ghal tali gudizzju ikollha kif huwa dritt taghha il-mottiv fattwali u legali li wassal ghal tali decizjoni.

Illi din il-Qorti kienet ghal ta'l-inqas tistenna illi jinghata anke jekk fil-qosor ir-raguni il-ghala l-Arbitru kien qieghed izzomm mad-decizjoni tad-Direttur billi dan in-nuqqas iwassal necessarjment ghal diffikolta fil-manzjonijiet riposti lil din il-Qorti sabiex taghmel valutazzjoni mill-gdid tal-provi processwali u tanalizza l-konvinzjoni raggunta mill-Arbitru fid-dawl ta'l-istess.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi, id-decizjoni ta'l-Arbitru hija ghal kollox nieqsa minn motivazzjoni u ma tissodissfax dak mehtieg mill-ligi billi ma hemmx raguni wahda li fuqha hija imsejsa tali decizjoni.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------